MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 34

KONTINWAZZJONI

23 ta' Frar 2010

Minuti tal-kontinwazzjoni tas-Seduta Nru. 34 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 23 ta' Frar 2010.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.1. Għoti ta' onorefiċenzi (A/5/3/1/Vol XI)

1.2. Is-Sindku ressaq skeda ta' nomini ġodda li daħlu sad-data ta' egħluq fit-8 ta' Frar 2009, kif ukoll oħrajn li ġew sottomessi fis-snin preċedenti. Huwa rrefera wkoll għall-kuntatti informali li kien hemm bejn iż-żewġ gruppi politiċi rappreżentati fil-Kunsill, dwar in-nomini kollha li tressqu bejn 2000 u l-2010.

1.3. Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu fuq numru ta' persuni u għalhekk is-Sindku R. Cutajar ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier J. Buttiegieg, li kienet tgħid kif ġej:

**"Billi fis-seduta tal-Kunsill tat-23 ta' Awissu 1999, twaqqfu l-onorefiċenzi ta' "Ġieħ il-Mellieħa" u "Rikonoxximent il-Mellieħa" sabiex jingħataw lil dawk il-persuni jew għaqdiet li jkunu ddistingwew ruħhom b'eċċellenza f`xi qasam li permezz tagħhom ikunu ta' eżempju għal ħaddieħor jew għollew l-isem tal-lokalita`;**

**Billi tressqu diversi nominazzjonijiet li saru skond il-kriterji stabbiliti, illi ġejjin minn snin preċedenti u oħrajn li daħlu wara s-sejħa li għalqet fit-8 ta' Frar 2010, liema nominazzjonijiet ġew evalwati sabiex jiġu stabbiliti l-merti tagħhom; u**

**Billi l-kriterju dwar in-numru ta' onorefiċenzi jistabilixxi li l-unur tal-"Ġieħ" għandu jingħata lil mhux iktar minn persuna / organizzazzjoni waħda, filwaqt li l-unur tar-"Rikonoxximent" jista' jingħata lil mhux iktar minn tliet persuni / organizzazzjonijiet, apparti dawk li huma ntitolati għalihom wara li okkupaw kariga fil-Kunsill u għalhekk jikkwalifikaw awtomatikament skond il-kriterji stabbiliti;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li l-onorefiċenza "Ġieħ il-Mellieħa" għandha tingħata lil:**

- **Anthony Vella (wara mewtu) – President Soċieta` Filarmonica La Vittoria u intraprenditur,**

**filwaqt illi l-persuni li ġejjin għandhom jingħataw l-unur "Rikonoxximent il-Mellieħa":**

- **Sammy Borg – Impenjat fil-Volontarjat;**
- **Josephine Cutajar – Mara tad-Dar li ilha ddur b'żewġha diversi snin; u**
- **Joseph Sciberras – Bandist li ta servizz twil lill-Għaqda Mużikali Imperial u għallem diversi aljievi.**

**Il-Kunsill jirriżolvi wkoll illi l-medalji u l-insinji, flimkien mad-dokumenti relattivi, għandhom jiġu ppreżentati waqt serata organizzata apposta nhar il-Ġimgħa 26 ta' Frar 2010.".**

1.4. Wara diskussjoni fit-tul fuq il-mozzjoni, ir-riżoluzzjoni għaddiet unanimament mingħajr emendi.

1.5. Is-Sindku fakkar li s-serata ser tkun taħt il-patroċinju tas-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u l-Informazzjoni - l-Onor. Chris Said. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li huwa flimkien mal-Kunsillier C. Bartolo ddiskutew s-sekwenza tal-kontenut fil-programm tas-serata u qablu li dan ikun kif ġej:

- Wiri ta' *feature* dwar l-għoti tal-Premju *European Destination of Excellence* lill-Mellieħa;
- *Musical* – "L-Imħabba Fuq l-Għolja";
- Preżentazzjoni tal-onorefiċenzi tar-Rikonoxximent mill-Kunsillieri H. Fenech u P. Cutajar;
- Preżentazzjoni tal-onorefiċenza tal-Ġieħ mill-Viċi Sindku E. Bartolo;
- Wiri ta' *feature* dwar l-għoti tal-*Local Enterprise Award* lill-Mellieħa;
- Preżentazzjoni ta' *mementos* lill-Mellieħa Football Nursery, il-Mellieħa Stage Friends, u l-Art Club 2000 u lis-Sur Timothy Gronow ex-President tal-*British Residents Association*; u
- Preżentazzjoni ta' *mementos* lill-ex-skrivani mal-Kunsill.

1.6. Il-Kunsill ġie mfakkar ukoll li nhar il-Ġimgħa 26 ta' Frar, bl-appoġġ ta' *sponsors*, ser jitqassmu *souvenir pencils* u *bookmarks* ta' Jum il-Kunsill 2010 lit-tfal fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa. Il-*musical* ser jiġi ripetut is-Sibt u l-Ħadd 27 u 28 ta' Marzu, filwaqt li s-Sibt fl-10.00am ikun hemm żjara lill-anzjani f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa u fis-1.00pm jibda t-*tournament* tal-futboll bi plajers veterani minn tas-Sliema, Valletta, Ħamrun u Mellieħa. L-ispejjeż marbuta ma' dan it-tournament ġew sponsorjati mid-ditta Nike.

1.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## AĠĠORNAMENT

Il-kontinwazzjoni tas-seduta spiċċat fis-7.30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 15 ta' Marzu 2010 fis-7.00pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**